



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15267/25

LIMITE

CORLX 1061
CFSP/PESC 1620
COWEB 148
CSC 578

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489
li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu
bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 flimkien mal-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' April 2020, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent.
- (2) Fit-2 ta' April 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489¹, li taħtar lis-Sur Miroslav LAJČÁK bħala r-RSUE għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent.
- (3) Il-mandat tar-RSUE ġie estiż bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2021/470², 2022/1240³ u 2024/2085⁴.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/489 tat-2 ta' April 2020 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent (ĠU L 105, 3.4.2020, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/489/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/470 tat-18 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent (ĠU L 96, 19.3.2021, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/470/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1240 tat-18 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent (ĠU L 190, 19.7.2022, p. 131, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1240/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2085 tas-26 ta' Lulju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent (ĠU L, 2024/2085, 29.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2085/oj>).

- (4) In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-mandat tar-RSUE qabżet il-baġit approvat inizjalment. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu koperti l-ispejjeż pendenti sabiex jiġi żgurat l-għeluq ordnat tal-mandat.
- (5) L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Jannar 2025 jenħtieġ li jiġi aġġustat.
- (6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2020/489 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2020/489 , it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Jannar 2025 għandu jkun ta' EUR 6 779 994,20.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President